**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 55 – 11 ta' Jannar 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fil-5.30 ta' filgħaxija u saret Aġenda 55. Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Ħadd. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 54 għall-approvazzjoni u l-kummenti tal-Kunsilliera.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 54 jiġu approvati hekk kif preżentati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Mary Vassallo La Rosa. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati b' mod unanimu. (154)

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsilliera li kienu nġabru tlett stimi għax-xogħol tal-monument tal-vittmi tan-nar, iżda dawn l-isitmi wrew li l-Kunsill għandu bżonn joħroġ tender għal dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Cortis talab li t-tender jagħlaq fi żmien ħmistax minħabba n-natura urġenti ta' dan ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li normalment skond il-proċeduri tal-offerti, tender irid jinżamm miftuħ għal 30 ġurnata. Il-Kunsill ħass li f' din iċ-ċirkostanza il-perijodu għandu jkun ta' ħmistax il-ġurnata minħabba n-natura urġenti tal-proġett.

2.1.2. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex jinħareġ tender għall-bini ta' monument tal-vittmi tan-nar li l-Kunsill kien approva u li dan it-tender jagħlaq fi-żmien ħmistax minħabba n-natura urġenti tax-xogħol. Huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (155)

2.1.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li kienu diġa ntbagħtu xi stediniet lill-President tar-Repubblika, l-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni, u l-Arċisqof għall-inawgurazzjoni ta' dan il-monument nhar is-Sibt 25 ta' Frar 2012. Is-Sindku kompla jgħid li għall-okkażżjoni diġa ġiet ibbukjata s-sala tal-iskola sekondarja.

2.1.4. Il-Kunsillier George Cortis ressaq suġġeriment sabiex għall-inawgurazzjoni tal-busti tan-nutar Saliba u Dr. Philip Muscat jiġu mikxufa minn membri parlamentari li jkunu servew fil-Kunsill.

2.1.5. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fl-opinjoni tiegħu s-suġġeriment tal-Kunsillier George Cortis kien wieħed tajjeb u kien jaħseb li xieraq li l-busti jinkixfu minn membri parlamentari Żebbuġin li servew bħala Kunsilliera. Is-Sindku

spjega li l-iskultur kien għaddej b' ritmu tajjeb fuq dawn il-busti u li l-pass li jmiss huwa li l-busti jittieħdu f' fonderija fl-Italja. Is-Sindku Alfred Grixti qal li realistikament dawn il-busti mhux se jkunu lesti qabel l-elezzjoni tal-Kunsill.

2.1.6. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex l-busti tan-nutar Philip Saliba u Dr. Philip Muscat, jinkixfu minn membri parlamentari Żebbuġin li servew bħala Kunsilliera fil-mument tal-kxif. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (156)

2.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf xi progress sar fuq il-bus shelter tal-pjazza. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li l-Project Manager tal-Kunsill jagħmel kuntatt mal-kuntrattur u jsegwi x-xogħol.

2.3. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf kif baqa' l-Kunsill fuq Triq l-Isqof Caruana mal-kuntrattur Bonnici Bros. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li l-kuntrattur kien qallu li se jerġa jqaxxar u jagħti t-tarmac fi Triq l-Isqof Caruana waqt li jkun għaddej bix-xogħol ta' Ħal Mula.

2.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius għamel referenza għal punt 2.2.1 tal-minuti u talab li jkun jaf xi żviluppi kien hemm dwar Triq il-Buskett. Is-Sindku wieġbu li fil-jiem ta' qabel kienet saret laqgħa mal-kuntrattur li assigura li kien se jagħmel it-tiswija neċessarja. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li matul din il-laqgha l-Kunsill xorta irriserva d-dritt li jekk jara li x-xogħol baqa ma sarx jagħmel kollox b' kuntrattur ieħor, bl-ispejjeż jiġu mnaqqsa mill-kont tat-triq.

2.5. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li fuq il-proġett tal-bini mill-ġdid ta' Vjal il-Ħelsien, fil-jiem li ġejjin kienet se tinqala' s-central strip ta' quddiem l-Hunters Bar ħalli jiġi ffaċilitat it-traffic management tat-triq meta jibda l-proġett. Is-Sindku qal ukoll li l-ġimgħa ta' wara kellhom jaslu l-pajpijiet tad-drenaġġ u kellu jinbeda x-xogħol fuqhom. Kien hemm qbil li jitpoġġew aktar tabelli li jindikaw li dan kien proġett tal-Kunsill Lokali.

2.6.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għat-tender għat-tielet fażi tal-PPP li għalih ġiet sottomessa offerta waħda mingħand Bonnici Bros. Is-

Sindku spjega kif meta wieħed jeżamina l-offerta kien jara li l-prezzijiet ikkowtati ma kienux raġjonevoli. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien tkellem mal-Onor. Chris Said li kien qallu biex jinnegozja r-rati tat-tender mal-kuntrattur li minn naħa tiegħu ma aċċettax. Fid-dawl ta' dan is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kien kiteb lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Finanzi, s-sur Alfred Camilleri li minn naħa tiegħu ħa l-parir tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti li minn naħa tiegħu ta' l-parir li dan it-tender jiġi kanċellat u l-offerta terġa tiġi ppublikata. Apparti minn hekk, id-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti ssuġġerixxa li l-Kunsill jikkonsulta ma' Transport Malta fuq ir-rati, peress li l-Dipartiment tal-Kuntratti kien taw framework contract lil madwar 23 kuntrattur biex isewwu toroq u jibdlu mains tad-dawl u ta' l-ilma u l-kuntratturi huma marbutin b' rati fissi jaħdmu fejn jaħdmu.

2.6.2. Il-Kunsillier George Cortis qal li huwa jaqbel ma' dan il-parir u l-Kunsill għandu jwaqqa' din is-sejħa u jerġa joħroġ sejħa oħra u fl-istess ħin jinforma lir-residenti permezz ta' ittra x' inhu jiġri. Il-Kunsillier George Cortis qal li l-Kunsill irid ikun ta' forċina għal dawn ir-residenti.

2.6.3. Saret diskussjoni dwar jekk kienx possibli li l-Kunsill iniżżel fit-tender li jmiss xi limiti għall-infieq fuq dawn it-toroq hekk kif isir fil-framework agreements. Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv jiċċekja mad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar dan.

2.6.4. Il-Kunsillier Emanuel Agius qal li ma jafx jekk il-fatt li jinħareġ tender ġdid kienitx mossa għaqlija minħabba l-element ta' inċertezza li s-sitwazzjoni politika preżenti kienet qed toħloq. Huwa kkummenta li f' dawn iċ-ċirkustanzi tista tkun għar.

2.6.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jimxi mal-parir tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti u jikkanċella s-sejħa għall-offerti u joħroġ tender ieħor u jibgħat ittra lir-residenti jispjega s-sitwazzjoni. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu. (157)

2.7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li waqt il-laqgħa li kien hemm ma' Schembri Infrastructures huwa kien iddiskuta wkoll ix-xogħol li kellu

jsir fiż-żona tal-Grazzja. Is-Sindku spjega li l-Kuntrattur qallu li fil-preżent ma kienx f' posizzjoni li jibda x-xogħol minħabba xi kuntratti oħra li għandu ma' Transport Malta. Is-Sindku spjega li f' dak l-istadju huwa propona lill-kuntrattur li jibda l-ħidma fuq is-servizzi tal-ilma u l-bankini permezz ta' sub-contractor u sakemm jitlesta dan ix-xogħol ikun laħaq lesta x-xogħol li għandu ma' Transport Malta u jkun jista jkompli mal-Kunsill. Is-Sindku spjega li kien għadu qiegħed jistenna risposta mingħand il-kuntrattur dwar din il-proposta. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li l-proposta mressqa mis-Sindku kienet l-aħjar għażla fil-mument.

2.7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv iddikjara li bil-proġetti kollha infrastrutturali li qiegħed jagħmel il-Kunsill, jidher li l-Kunsill kien se jispiċċa s-sena bi sbilanċ finanazjarju u sitwazzjoni ta' deficit u din is-sitwazzjoni kienet se tibqa hemm għas-snin li ġejjin fid-dawl tal-fatt li l-proġetti ewlenin kellhom jitħalsu fuq numru ta' snin. Is-Segretarju kompla jgħid li huwa kien fid-dmir li jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar dan u li dan kien diġa għamlu fil-passat. Is-Segretarju spjega li ma kienx fil-mertu tiegħu li jiġġudika jekk dawn il-proġetti kienux tajbin jew le, għax ma kellu ebda dubju li permezz ta' dawn il-proġetti din l-amminstrazzjoni kienet se tagħmel rekord ta' xogħol u Ħaż-Żebbuġ kien se jitħalla ħafna aħjar milli kien qabel, iżda kien dmir tiegħu li jwissi lill-Kunsilliera dwar l-impatt finanzjarju ta' dawn il-proġetti. Is-Sindku Alfred Grixti rringrazzja lis-Segretarju ta' din il-kjarifika. Il-Kunsilliera Dominic Cutajar u George Cortis ikkummentaw li l-poplu Żebbuġi ma kienx jimpurtah mid-dejn jekk jaraw li l-proġetti u l-ħidma kienet qed titwettaq.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-pagamenti jiġu approvati hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-pagamenti ġew approvati b' mod unanimu. (158)

**5. TENDER GĦALL-MANUTENZJONI TAL-KOMUNI TAL-BLOKKI TAL-GVERN**

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel referenza għall-aħħar laqgħa tal-Kunsill fejn ġie spjegat li l-evalwazzjoni tal-offerti għal dan it-tender kienet wieqfa minħabba li kien intalab parir min naħa tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar l-eliġibilita ta' uħud mit-tenders. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li fl-aħħar il-Kunsill irċieva tweġiba mid-Dipartiment. Huwa qara r-risposta tad-dipartiment fejn kien hemm indikat li l-offerti tas-sur Ricky Caruana u s-sur Karl de Flavia kellhom jiġu mwaqqa' minħabba li ma kellhomx bid bond regolari skond kif mitlub fis-sejħa tal-offerti.

5.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf kif tikkumpara l-offerta l-oħra tas-sur Christopher Agius mal-offerti li ġew kanċellati. Is-Segretarju wieġeb li din kienet l-għola offerta imma li skond l-iskema tal-Awtorita tad-Djar il-Kunsill xorta ma setax jonfoq aktar mis-somma allokata għalih.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill isegwi r-rakkomandazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u filwaqt li jwaqqa' l-offerti tal-sinjuri Karl de Flavia u Ricky Caruana, jassenja t-tender tal-manutenzjoni tal-komuni tal-blokki tal-gvern lis-sur Christopher Agius. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu (159).

**6. PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV U L-IMPJEGATI**

6.1. Fis-6.50pm, il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat sabiex jiddiskuti l-performance bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u l-ħaddiema.

6.2. Il-laqgħa tkompliet fis-7pm.

6.3. Is-Sindku spjega li hekk kif ġie diskuss fl-istadju ta' kumitat huwa kien qiegħed jipproponi li kemm is-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll il-Project

Manager u l-istaff klerikali jingħataw il-perfomance bonus massimu. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Dominic Cutajar. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Duncan Bartolo, il-Kunsilliera Dominic Cutajar, Emanuel Agius, George Cortis, Philip Said, Mary Vassallo La Rosa.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu (160).

**7. ĦWEJJEĠ OĦRA JEKK MEQJUSA URĠENTI**

7.1. Il-Kunsillier Philip Said informa lill-Kunsill li kien għaddej bil-ħidma fuq il-pubblikazzjoni tad-diskorsi u l-materjal tal-konferenza dwar Dun Karm Psaila. Il-Kunsillier Philip Said qal li huwa avviċina persuna sabiex tagħmel editorjal u kumment letterarju fuq il-pubblikazzjoni.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien hemm bżonn li l-Kunsill jikkunsidra serjament il-bżonn li jinżareġ tender għall-ġbir tal-iskart goff, servizz li fil-mument qiegħed jiġi offrut mill-kuntrattur li jiġbor l-iskart domestiku. Il-Kunsillier Dominic Cutajar qal li Kunsilli Lokali oħrajn jaħdmu b' sistema fejn ir-resident iċempel u jibbukja n-numru ta' items li għandu għar-rimi u l-kuntrattur jitħallas għal kull item li jinġabar. Kien hemm qbil fuq dan. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li ma kienx iż-żmien adattat biex jinħareġ dan it-tender fid-dawl tal-elezzjoni tal-Kunsill xahrejn wara, u ġie miftiehem li dan it-tender għandu jinżareġ mill-Kunsill il-ġdid.

**8. AĠĠORNAMENT**

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 7 ta' Frar fil-5.30pm. Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm.

Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv